MALTA

ATT Nru. XVII ta' l-1988

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar il-Kostituzzjoni tal-Kariga ta' Avukat Ġenerali u dik ta' Avukat tar-Repubblika, Kap. 90.

ACT No. XVII of 1988

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Attorney General and Counsel for the Republic (Constitution of Office) Ordinance, Cap. 90.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

PAUL XUEREB
Aġent President

20 ta' Mejju, 1988

ATT Nru. XVII ta' l-1988

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar il-Kostituzzjoni tal-Kariga ta' Avukat Ġenerali u dik ta' Avukat tar-Repubblika, Kap. 90.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1988 li jemenda l-Ordinanza dwar il-Kostituzzjoni tal-Kariga ta' Avukat Ġenerali u dik ta' Avukat tar-Repubblika, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar il-Kostituzzjoni tal-Kariga ta' Avukat Ġenerali u dik ta' Avukat tar-Repubblika, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-liġi prinċipali".

Kap. 90.

Emenda ta' l-artikolu 3 tal-liġi prinċipali.

2. L-artikolu 3 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem " "Avukat tar-Repubblika Anzjan" " għandhom jidħlu l-kliem " "Assistenti għall-Avukat Ġenerali", "Avukat tar-Repubblika Anzjan" "; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "l-Avukati tar-Repubblika Anzjani" għandhom jidħlu l-kliem "l-Assistenti għall-Avukat Ġenerali, l-Avukati tar-Repubblika Anzjani".

Emenda ta' l-artikolu 4 tal-liġi prinċipali.

3. Fl-artikolu 4 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "l-Avukati tar-Repubblika Anzjani" għandhom jidħlu l-kliem "l-Assistenti għall-Avukat Ġenerali, l-Avukati tar-Repubblika Anzjani".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 103 tas-17 ta' Mejju, 1988.

JIMMY FARRUGIA
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati